

32005D0747

L 280/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.10.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-21 ta'Ottubru 2005**

li temenda għall-iskopijiet li jkun adottat lill-progress tekniku l-Anness għad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju f'tagħmir elettriku u elettroniku

(notifikata bid-dokument numru C(2005) 4054)

(Test b'relevanza maż-ŻEE)
(2005/747KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ, Wara li kkunsidrat it-trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju f'tagħmir elettriku u elettroniku¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Taħt id-Direttiva 2002/95/KE il-Kummissjoni hi meħtieġa li tevalwa ċerti sustanzi ta' riskju projbiti skont l-Artikolu (1) ta' dik id-Direttiva.
- (2) Ċerti materjali u komponenti li jkollhom iċ-ċomb għandhom jkunu eżentati (jew jibqgħu jkunu eżentati) mill-projbizzjoni, peress li l-użu ta' dawn is-sustanzi ta' riskju f'dawk il-materjali u komponenti speċifiċi ma jistax ikun evitat.
- (3) Ċerti eċċezzjonijiet mill-projbizzjoni ta' ċerti materjali jew komponenti speċifiċi għandhom ikunu limitati għall-ambitu tagħhom, sabiex tintlaħaq tneħħija gradwali tas-sustanzi ta' riskju f'tagħmir elettriku u elettroniku, peress li l-użu ta' dawn is-sustanzi f'operazzjonijiet bħal dawn għandu jsir evitabbli.
- (4) Skont l-Artikolu 5(1)(c) tal-2002/95/KE kull eżenzjoni elenkata fl-Anness għandha tkun soġġetta għal revizzjoni mill-inqas kull erba' snin jew erba' snin wara li jkun miżjud oġġett fil-lista bil-għan li jiġi kkunsidrat it-tħassir tal-materjali u l-komponenti tat-tagħmir elettriku jew elettroniku mill-Anness jekk it-tħassir jew is-sostituzzjoni

¹ ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19. Id-Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/717/KE (ĠU L 271, 15.10.2005, p. 48)

tagħhom permezz tat-tibdiliet fid-disinn jew ta' materjali u komponenti li ma jeħtiġux l-ebda waħda mill-materjali jew is-sustanzi riferiti fl-Artikolu 4(1) jkunu possibbli teknikament jew xjentifikament, sakemm l-impatti negattivi ambjentali, tas-saħħa u/jew għas-sikurezza tal-konsumatur ikkawżati bis-sostituzzjoni ma jegħilbux il-benefiċċji possibbli ambjentali, tas-saħħa u/jew għas-sikurezza tal-konsumatur ta' dawn.

- (5) Id-Direttiva 2002/95/KE għandha għalhekk tkun emendata kif xieraq.
- (6) Skont l-Artikolu 5(2) tal-2002/95/KE il-Kummissjoni kkonsultat lill-produtturi ta' tagħmir elettriku jew elettroniku, lir-riċiklaturi, lill-operaturi tat-trattament, lill-organizzazzjonijiet ambjentali u lill-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-konsumaturi u resqet il-kummenti lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart² minn issa 'l quddiem magħrufa bħala "l-Kumitat".
- (7) Il-miżuri provduti għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

L-Anness għad-Direttiva 2002/95/KE hi emendata skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

² ĠU L 194, 25.7.1975, p. 39. Id-Direttiva l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 21 ta'Ottubru 2005

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

L-Anness għad-Direttiva 2002/95/KE hu emendat b'dan li jmiss:

1) Punt 7 hu mibdu b'dan li jmiss:

“7. - Iċ-ċomb fl-istann tat-tip li jiddewweb f' temperaturi għolja (jiġifieri il-liegi taċ-ċomb li jkun fihom iktar minn 85 % bħala piż jew aktar ċomb),

- iċ-ċomb fl-istannijiet tal-oġġetti li jservu, il-ħażna u s-sistemi tal-wiri fl-ordni tal-ħażna, it-tagħmir tal-infrastrutturi tan-netwerks għas-swiċċjar, is-sinjalar, it-trasmissjoni kif ukoll il-ġestjoni tan-netwerks għat-telekomunikazzjonijiet,
- iċ-ċomb fil-partijiet elettroniki taċ-ċeramika (p.e., il-mezzi piezoelettroniki).”

2) Punt 8 hu mibdul b'dan li jmiss:

“8. Il-Kadmju u l-komposti tiegħu f'kuntatti eletroniki u kisi tal-kadmju b'eċċezzjoni għall-applikazzjonijiet projbiti taħt id-Direttiva 91/338/KEE (1) li temenda d-Direttiva 76/769/KEE (2) dwar restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi.”

3) Punt 10 hu mibdul minn Punti 10 u 15 b'dan li jmiss:

“10. Iċ-ċomb użat fis-sistemi ta' konnettur compliant pin.

11. Iċ-ċomb bħala materjal għall-kisi għall-module c-ring ta' trasmissjoni termali.

12. Iċ-ċomb u l-kadmju fi ħġieġ ottiku u tal-iffiltrar

13. Iċ-ċomb f'stannijiet ta' aktar minn żewġ elementi għall-konnessjoni bejn il-pinnijiet u l-pakkett ta' makroprossuri b'kontenut ta' ċomb ta' aktar minn 80% jew inqas minn 85% bħala piż.

14. Iċ-ċomb f'stannijiet biex titlesta konnessjoni elettrika vijabli bejn semikonduttur die u carrier integrat fi ħdan iċ-ċirkwit ta' pakketti Flip Chip.

15. Fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2), il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni għad-Deca BDE u bozoz tal-elettriku.

Għandha tagħmel dan bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex tistabbilixxi malajr kemm jsita' jkun possibbli jekk dawk l-oġġetti mhumiex emendati kif imiss.